XGHAJRA

Minuti tal-20 laqgħa tal-Kunsill lokali Xgħajra li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 15 ta' Frar, 2011, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R. Valvo |
| Viċi Sindku | Joe Azzopardi |
| Il-Kunsilliera | Antonia Buttiġieġ |
| | Marie Claire Depasquale |
| | Mario Buhagiar |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju | Carmelo Camilleri |

L-Agent Segretarju Ranier Busuttil li ser jissostitwixxi lil Carmelo Camilleri li se jirtira (ara ittra mill-Uffiċċju tal-kunsilli lokali)

1. Item Nru.1 Fuq l-Aġenda – Attendenza w apoloġiji – kulħadd preżenti.

2. Item Nru. 2 fuq l-Aġenda – Il-Minuti tal-laqgħa ta' qabel ġew moqrija w approvati.

3. Item Nru.3 fuq l-Aġenda- Matters Raising – Punti li joħorġu mill-Minuti li ġew moqrija.

    3.1. Ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv il ftehim ta' kif se tkun il-proċedura ta'użu ta' flus mill-kont bankarju li sejintużaw għal ħlas ta' xogħlijiet fuq il-proġett tal-faċilitajiet sportivi u rikreattivi li qed fil-proċess ta' kostruzzjoni.

    3.2. By-law qiegħda fi stadju tal-pubblikazzjoni jekk ma jkunx hemm xi oġġezzjoni mill-MCA.

XGĦAJRA

3.3. Is-Sindku informa li Ms. Bianchi ħadet over ix-xogħol li kien qed jagħmel fil-MEPA s-Sur Martin Seychell u li kien qed inkarigat mil-pjan ta' għarar da parti ta' Ħaż-Żabbar u li l-ilma kellu jingabar u jiżbokka f'parti mill-kosta tax-Xgħajra. Is-Sindku wkoll reġa' bgħat reminder liċ-Chairman tal-MEPA u lill- Perit Borg Mifsud.

3.4. Il-ġbir ta' l-iskart domestiku u beda bis-sistema ta' bieb bieb nhar it-Tnejn 13 ta' Frar, f'dawn it-triqat fil-village core u vicin f'partijiet oħra tax-Xgħajra li ma humiex fil-'village core' u fl-abitat baqgħu jitħaddmu l-bins on wheels (skips). Jidher li prima facie is-sistema qed taħdem bla skossi almenu sa issa.

3.5. Il-Claim a rigward il-break – in saret lill-Brokers li minn naħa tagħhom għaddewa lill-Insurance Middle Sea u li wkoll talbu li informazzjoni fuq xi oġġetti li ġew nieqsa jew li saret ħsara fuqhom.

3.6. Il-laqgħa pubblika skond il-liġi saret nhar it-18 ta' Jannar, 2010.

4. Item Nru.4 fuq l-Aġenda - Korrispondenza.

4.1 Fost il-korrispondenzi li kienet importanti qed tiġi mehmuża ittra mis-Sur James Catania fejn qed jiġi ndikat mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li s-Sur Carmelo Camilleri ġia Segretarju u li se jirtira qed jiġi sostitwit temporajament u part-time mis-Sur Ranier Busuttil bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv u li wkoll hu Segretarju tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop b'effett immedjat.

5. Item Nru 5. fuq l-Aġenda – Ġew approvati w ratifikati l-infieq għax-xahar ta' Jannar 2011

XGĦAJRA

6. Item Nru 6. Fuq l-Agenda – Il-Kontijiet għal għeluq tas-sena finanzjarja 2011 kienu kompluti u kopji mibgħutin lill-Awdituri 3A's. Is-Sindku spjega kif kienet is-sitwazzjoni finanzjarja għas-sena 2011 u b'mod speċjali rrimarka a rigward il-fond speċjail addizzjonali li kien jenħtieġ li ngħataw kuntratti skond offerti għal servizzi fil-lokalita li kienu imposti mill-ligi u li dawn il-kuntratti għalkemm kienu dawk l-irħas fost l-offerti kien hemm xi wkud li kien hemm żieda ta' 300% fosthom il-gbir ta' l-iskart bieb-bieb etċ.

7. Item Nru 7. Fuq l-Aġenda – Xogħlijiet madwar ix-Xgħajra.

7.1. Il-bini fuq il-faċilitajiet Sportivi u Rikreattivi baqa' miexi b'ritmu sodisfaċenti għalkemm kien hemm parti fejn ċediet it-triq il-Fortizza tal-Grazjza u li dan k ellu jiġI rimedjat immedjatament biex ma ssirx aktar ħsara billi l-istaġun tax-xita kien wieħed konsiderevoli u b'hekk kien jikkawża sfrondar aktar tat-triq. Qed għalhekk minn żmien għal żmien ix-xogħol qed jiġI spezzjonat mill-Periti tal-Kunsill.

7.2. Il-Pipe line li jservi ta' out flow tal-impjant tal-WSC – STTP qed ikun poġġut u wasal fit-tqehid finali.

7.3. Tpoġġa sit ta' fejn il-pubbliku jkun jista jkollu aċċess għall-internet bis-sistema WIFI. Dan Qieghed ma genb il-Librerija go Triq San Gakbu u suppost ikkopri sa metru il-boghod. Dan il-WIFI Hotspot qieghed irregistrat bhala MCA WIFI.

7.4. Il-Fortizza Delle Grazie jentriġilha tiswija kif ukoll restawr issa b'mod urġenti għal da nil-għan is-Sindku reġa' fakar lill MITC fuq il-ftehim ta L-MOU fejn jisemma dan.

7.5. Qieghed isir qtugħ ta' ħaxix mill-impjegati tal-Kunsill li din is-sena kien abbundanti u anki diffiċli mħabba t-temp.

XGHAJRA

7.6. Qed isir xogħol ta' manutenzjoni u kostruzzjoni madwar il-Grawnd tal-Futbol li jinkludi tqegħid ta' konkos fid-dħul għal Grawnd u ċnut u bieb tal-ħadid.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda – Aġġornament:

Aġġornament għat-Tlieta 22 ta' Marzu, 2011 fis-6.00pm

------------------------------------ -------------------------------

Segretarju Eżekuttiv Sindku

XGHAJRA